# Ingustizzji u abbuzi

8 messages

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Thu, Feb 14, 2019 at 8:30 AM
To: office@standardscommissioner.com

Jien tal-kaz tal-annimali msallba fil-Mosta fejn fis-sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Gunju 2014 il-Qorti ma sabitnix kriminalment hati imma disputabilment ordnat li nintbaghat l-isptar Monte Carmeli sakemm ikun hemm bzonn. Il-procedura biex nohrog hi li l-Psikjatra konsulent tieghi jikteb lill-Ministru tal-Gustizzja Owen Bonnici, kif ghamel lejn Marzu '15 wara sena maqful, jitolbu biex jirreferini lill-bord (jghidulu Kumitat ghar- revizjoni tas-sahha mentali) biex jezaminani u jibghat ir-rakkomandazzjoni lura lill-Ministru dwar jekk wasalx iz-zmien li nohrog jew le. Il-Ministru kien talab ghall-parir jidhirli tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma nafx kemm japplika la ma kienx kaz kriminali u dam ma rreferini fuq sena lil dan il-bord sakemm fl-ahhar dehert quddiem il-bord lejn April '16 wara sena mohlija inutilment wara li kienu kellmu lill-Ministru qrabati u qalulu li l-kaz ma kienx wiehed kriminali (kont diga nfurmajtu b'zewg ittri b'dan li kien injora). Skont ma qalli l-Psikjatra l-bord approva li nohrog mill-isptar u baghat din ir-rakkomandazzjoni lill-Ministru izda din id-darba flok ha l-parir tal-bord, bord imwaqqaf apposta ghal kazijiet bhal dawn, ghazel li jinjorah jkompli jzommni maqful u jahlili l-hin billi talab ghall-parir tal-Avukat Generali li ghal darba ohra ma nafx kemm japplika la ma kienx kaz kriminali. Fiz-zewg kazijiet, kemm il-parir tal-Kummissarju tal-Pulizija u kemm tal-Avukat Generali ghandi dubju kemm wasal, l-importanti kien li hlieli l-hin. Lejn Awwissu '17 tnejn min-nies li jigu jzuru l-morda l-isptar bhal nhar ta' Hadd marru jkellmu lill-Ministru fuq il-kaz tieghi u ghamillhom sinjal b'idu li ma jridx jaf imma minn hawn u minn hemm bdew jitkellmu u qallhom ghax joqghod jikteb lill-Ombudsman, lil Daphne ecc. Persuna mill-Mosta kellmuh ukoll fl-istess zmien u lil dan qallu "mhux ta' min ghax joqghod jikteb lil Daphne", ecc. Ghandi x-xhieda ta' dawn it-3 persuni li l-Ministru kien qed jiddiskriminani bi ksur tad-drittijiet umani tieghi jahlili l-hin apposta ghax dizgrazjament kienu assocjawni mal-blogger Daphne Caruana Galizia. Il-Ministru qallhom ukoll li se jghinni u lejn Settembru '17 flok li nohrog ghal kollox kif kien approvali l-bord, approvali li nibda nohrog mizerja ta' 5 sieghat darbtejn fil-gimgha u bil-leave jigi rivedut wara 3 xhur jekk jizdidx jew jonqos. Wara kwazi sena ohra, lejn Awissu '18 il-Psikjatra kiteb lill-Ministru biex itih l-approvazzjoni biex ikun jista jibqa' jzidli l-leave sakemm nohrog ghal kollox mill-isptar (xorta jkun jinhtiegli nibqa' mmur l-isptar ghall-appuntamenti kultant zmien) izda meta ghal darba ohra ccekjawli dawk it-tnejn li jigu jzuru l-morda bhal nhar ta' Hadd, din id-darba qallhom li talab il-parir tat-teknici u wara li kwazi ghaddew 6 xhur ohra u baqa' ma wasalx il-parir taghhom kollox jibqa' ghaddej qisu qatt ma kien xejn. Dan il-Ministru qed sfaccatament jibqa' jahlili l-hin izommni maqful u jcahhadni mil-liberta u milli nkun nista' mmur nahdem naqla' l-ghajxien tieghi sforz l-odju li ghandu lejn dik il-blogger, li fosthom lejn Novembru '14 kienet kitbet fuq il-hajja privata tieghu, u ma kull minn jassocjawh maghha. Minn assocjani maghha hu Fredrick Azzopardi li kien Chairman tal-Enemalta, il-kumpanija fejn kont nahdem, li kien tani transfer gimghatejn qabel arrestawni ghax kont baghat email tax-xoghol lil wiehed li gejjin ic-cinizi u talbuna biex innadfu u din l-email b'xi modd spiccat fuq il-blog ta' Daphne u wehilt jien li baghattilha ghalkemm din setghet facilment saret minn xi hadd b'Copy u Paste minghajr ma jinqabad mis-sistema. Fil-fatt dan Fredrick Azzopardi darba gejt arrestat fid-19/3/14 (gimghatejn wara) kien ha hsieb li jippoliticizza l-kaz tieghi billi inkitbu artikli jassoccjani ma din il-blogger fuq il-MaltaToday, l-Illumm u jidhirli l-Kulhadd bi ksur tal-ligi tad-Data Protection u ghalkemm provi sa certu punt m'ghandix, nemmen li hu qed ixewwex lill-Ministru biex jibqa' jzommni maqful. Barra minn Malta xi hadd li jinqabad jiddiskirimina kontra xi hadd jigi mgieghel jirrizenja minnufih imma hawn Malta donnu ghadna m'ahniex ta'din il-kultura u nitolbok tieghu passi. Lejn Settembru/Ottubru '14 kont ukoll irrapurtajt lill-Whistleblower, minn ghalija se jtuni xi forma ta' protezzjoni, abbuz li kien isir minn certi nginiera fl-Enemalta jiehdu "extra benefits for which you are not entitled" u li tnejn minn dawk involuti kien lahhaqhom managers Fredrick Azzopardi stess fl-ewwel gimgha tieghu bhala Chief Executive tal-Enemalta (fil-bidu, f'Jannar '14 kien Chief Executive, wara lahquh Chairman u Chief Executive f'daqqa, bil-paga doppja nassumi jiekol b'zewg ihluq biex tara kemm hu privileggjat) u li dan il-fatt kompla nkorlah ghalija u hu fl-interess tieghu li nibqa' maqful l-isptar ghax fosthom jinkixef fil-cover-up li ghamel b'suppost investigazzjoni li qatt ma saret (ara ma dawk li baghbsu fl-ismart meters mexa modd iehor ghax tellghahom il-Qorti). Illum dan Fredrick Azzopardi lahquh Chief Executive ta' Infrastructure Malta.

L-ilment l-iehor hu fuq il-Kunsill Mediku. Lura f'Lulju '16 kont ktibt lill-Kunsill Mediku nilmenta kontra l-Psikjatra konsulent tieghi David Cassar izda meta wara diversi xhur baqghu ma nvestigawx gieni suspett u meta ccekkjajt sibt li parti sostanzjali mil-membri tal-Kunsill huma facebook friends ma dan il-Psikjatra jew mal-mara tieghu, Doreen Cassar, li wkoll hi membru tal-Kunsill u allura stenna li se jhossuhom skomdi jiehdu passi kontrih. Nitolbok tiehu passi fuq dan ukoll ghax s'issa ghadhom lanqas biss sejhuli biex nixhed jew kitbuli lura ahseb u ara kemm hadu passi.

Ghall-aktar informazzjoni fuq l-ingustizzji u l-abbuzi li kelli nsofri u ghadni nsofri ghamilt website ssostanzjanta b'dokumenti u fatti kif sehhew mill-bidunett li izda ghadni m'ghamiltix pubblika mal-media. Ghall-isem tal-website hadt

ispirazzjoni mil-kliem li l-Magistrat Carol Peralta kien heddidni bih f'nofs awla tal-Qorti fuq kaz iehor li kelli l-Qorti. Issa li nformajtek biha ma tistghax tibqa' passiv ghax tkun int ukoll komplici (taghmel cover-up).

Dejjem tieghek,

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])

Virus-free. www.avg.com

---

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life** <charles.polidano@standardscommissioner.com>
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Thu, Feb 14, 2019 at 12:01 PM

Sur Grech,

Qed niktiblek biex ngħarrfek li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika rċieva l-messaġġ tiegħek. Għandek tisma' mingħandu fil-futur qarib.

Insellimlek,

Charles Polidano

Direttur Ġenerali

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta

+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

[Quoted text hidden]

---

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life** <charles.polidano@standardscommissioner.com>
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Fri, Feb 22, 2019 at 4:56 PM

Sur Grech,

Nirreferi għall-ilment tiegħek kif riprodott hawn taħt. Qed nibgħatlek ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Charles Polidano

Direttur Ġenerali


**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta

+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com


**Xerox Scan_22022019164135.pdf**
91K

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

22 ta' Frar 2019

Sur Nicholas Grech

B'email: nicho.grech@gmail.com

**Ilment dwar agir tal-Ministru Owen Bonnici**

Sur Grech

Nirreferi għall-email tiegħek tal-14 ta' Frar 2019.

Ninformak li l-uffiċċju tiegħi qed jeżamina dak li hemm fl-imsemmija email biex nara hemmx lok għal investigazzjoni jew le dwar l-ilment tiegħek fil-konfront tal-Onor. Ministru Owen Bonnici ai termini tal-Att Dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Fil-frattemp nixtieqek tikkonfermali jekk intix tistenna risposta mill-Ministru għall-Ġustizzja dwar jekk għandekx tinħeles mill-Isptar Monti Karmelu jew intix qed titolbu jżidlek il-*leave* ta' assenza mill-isptar.

Qed nagħmillek dina l-mistoqsija għaliex skont l-Art 37 (a) tal-Att Dwar is-Saħħa Mentali (Kap 525) hija l-Qorti li għandha s-setgħa li tordna l-ħelsien tiegħek mill-isptar, u mhux il-Ministru.

Fil-fehma tiegħi il-proċedura biex tiġi meħlus mill-isptar Monti Karmelu, wara ordni tal-Qorti tal-Maġistrati li għandek tinżamm taħt kustodja skont l-artikolu 623 tal-Kodiċi Kriminali, hija permezz ta' talba lil-istess Qorti li għandha timxi fuq rapport ta' tliet speċjalisti (li wieħed minnhom ikun l-ispeċjalista responsabbli) li jikkonfermaw li tkun tista' tiġi meħlus.

Qed niġbidlek l-attenzjoni għal dan il-fatt billi fl-email tiegħek inti stqarrejt li l-Bord approva li inti toħroġ mill-isptar.

Għaldaqstant kemm-il darba t-talba tiegħek hija intiża li twassal għall-ħelsien tiegħek mill-isptar, tajjeb li tifhem li l-Ministru ma jistax jagħti dik l-ordni u għalhekk ikun inutli li tistenna risposta mingħand il-Ministru.

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Nixtieqek ukoll tinformani jekk għandekx xi każ pendenti quddiem l-Ombudsman, billi fl-email tiegħek indikajt li ktibt lill-Ombudsman.

F'dan l-istadju nitolbok tirrispondini fuq dawn iż-żewġ punti biss.

Inselli ghalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika



---

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Mon, Feb 25, 2019 at 8:45 AM
To: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>

Dr. George Hyzler,

Kif ghidtli tajjeb, l-Att dwar is-sahha mentali jaghti zewg ghazliet:

1) Wahda hi li jsir rapport minn 3 Psikjatri, wiehed minnhom ikun il-konsulent tieghi (l-ispecjalista responsabbli) l-Psikjatra David Cassar. Dan ir-rapport jigi pprezentat lill-Qorti w a bazi tieghu l-Qorti tiddecidi jekk wiehed ghandux jinheles mill-isptar Monte Carmeli darba ghal dejjem, kemm jekk dan ikun maqful l-isptar u kemm jekk kien lahaq deher quddiem il-bord u nhareg barra bil-leave, f'liema kaz ma jkunx jinhtieglu jibqa' jidher kull tant zmien ghall-appuntamenti quddiem it-tabib l-isptar u ma jibqghax suggett ghall-kura (wiehed ikun fieq ghal kollox). X'aktarx dan il-pass jittiehed wara li pazjent ikun ilu diversi snin bil-leave ghal kollox barra mill-isptar. Meta lill-Psikjatra Cassar ghidtlu b'din l-ghazla vilment qalli li "int ghall-ghomrok", ghax dan la disputabilment attribwili li nbati minn mard kroniku li ma tfiq qatt minnu, ma jistghax jigi l-ghada jghid lill-Qorti li f'daqqa wahda fiqt minnu.

2) L-unika ghazla ohra li jifdal u li japprova Cassar hi li nohrog mill-isptar u nohrog ghal kollox imma bil-leave, jigifieri jkun hemm il-kundizzjonijiet li xorta jibqa' jinhtiegli nidher ghall-appuntamenti l-isptar kull tant zmien u rrid nibqa' niehu l-kura li jordnali. Hekk gara fl-ewwel kaz li kelli l-Qorti lura fl-2001 fejn fis-sentenza tal-Qorti tat-28/6/05 u kkonfermata fl-appell fil-21/11/05 il-Qorti kienet qaflitni l-isptar (sa dak iz-zmien kont barra bil-liberta provizorja), il-Psikjatra Cassar darba maqful kien kiteb lit-Tribunal biex jezaminani skont ma kienet il-procedura dak iz-zmien, u dan approva li nohrog u baghat ir-rakkomandazzjoni lill-Ministru tal-Gustizzja, dak iz-zmien Dr. Tonio Borg, li laqa' r-rakkomandazzjoni u fil-21/1/06, xahrejn wara hrigt ghal kollox mill-ewwel mill-isptar bil-leave. Fit-tieni kaz li kelli l-Qorti tal-2014, fis-sentenza tas-26/6/14 il-Qorti regghet qaflitni l-isptar u skont il-procedura kif kienet dak iz-zmien, din id-darba jien bhala pazjent kelli nikteb lill-Ministru tal-Gustizzja kif ghamilt f'Lulju '14 nitolbu jirreferini lil bord biex jaghti r-rakkomandazzjoni lill-Ministru jekk wasalx iz-zmien li nohrog. Il-Ministru donnu ra xi haga anomala li pazjent jikteb direttament lilu u kien injorani sakemm kellu jkun Cassar li jew kellem direttament lill-Ministru jew xi hadd fil-Ministeru sakemm fl-ahhar il-Ministru rreferini biex nidher quddiem it-Tribunal u dehert quddiemu f'Ottubru '14. Fil-fatt il-Ministru fl-istess zmien ghamel emendi fil-ligi li gaba li kellu jkun il-Psikjatra li jiktiblu u mhux il-pazjent, u peress li l-Magistrat Apap Bologna li kien jippresidi t-Tribunal kien miet habta u sabta bil-file tieghi jispicca fid-dar tieghu u t-Tribunal kien gie xolt, Cassar lejn Marzu '15 kiteb ghal dan l-iskop lill-Ministru biex jirreferini lill-bord il-gdid (skond l-emendi, t-Tribunal issa sar jissejjah Kumitat ghar-revizjoni tas-sahha mentali). Izda minkejja li issa kien kiteb lill-Ministru xi hadd aktar awtorevoli, Psikjatra flok semplici bicca pazjent, il-Ministru baqa' ma rreferinix lill-Kumitat u skont ma qaluli meta ccekjajt il-Ministeru, il-Ministru kien talab ghall-parir tal-Kummissarju tal-Pulizija u wara kien behsiebu jitlob il-parir tal-avukat generali, jigifieri ma baghatx ghall-parir taghhom flimkien imma kien behsiebu jibghat ghall-parir taghhom wiehed wara l-iehor biex aktar jahlili l-hin. Dan la ma kienx kaz kriminali l-parir taghhom ma japplikax, ezempju kellek binja li ggarfet u l-Magistrat flok ha l-parir tal-awtorita kompententi, ta' perit, qaghad jiehu l-parir ta' tabib, ta' qassis, ecc. u dan meta kien hemm bord mwaqqaf apposta bil-ligi biex jezamina jaghti l-parir lill-Ministru fuq kazijiet bhal tieghi. X'kien gara li geghlet lill-Ministru jiehu decizjoni daqstant differenti? F'Novembru '14 il-blogger Daphne Caruana Galizia kienet kitbet fuq il-hajja privata tal-Ministru u fl-14/3/15 l-Independent kienu holmu b'artiklu fuqi fejn kienu ntervistaw lill-Ministru u dan qallhom li t-Tribunal ippresedut minn Apap Bologna ma kienx approva li nohrog u kien hemm imnizzla l-procedura gdida li ridt nghaddi minnha biex nohrog mill-isptar. Ghalkemm provi m'ghandix, nemmen li dan l-artiklu rah Fredrick Azzopardi li kien Chief Executive tal-Enemalta fejn kont nahdem qabel l-arrest u kien tani transfer vendikattiv gimghatejn qabel, li meta ra l-involviment tal-Ministru, bhalma kien ha hsieb ixewwex u jinstiga l-mibgheda kontrija meta arrestawni jassocjani mal-imsemmija blogger fuq il-

Maltatoday u l-Illum fost l-ohrajn, ma kienx se jitlef cans bhal dan din id-darba jxewwex il-Ministru kontrija biex ihallini maqful, aktar u aktar meta f'Settembru '14 kont ktibt lill-Whistleblower fuq abbuzi fl-Enemalta minn enginiera jiehdu "extra pay for which you are not entitled" li tnejn minnhom kien lahhaqhom managers fl-ewwel gimgha tieghu bhala Chief Executive flok ohrajn li kienu lahqu wara call for application li kien heles minnhom tahom transfer lejn il-Marsa Power Station minn Delimara. Fil-fatt kellhom ikunu qrabati li kellmu lill-Ministru lejn Jannar '16 jghidulu li l-kaz tieghi ma kienx wiehed kriminali (kont diga nfurmajtu b'dan b'zewg ittri), xi haga ovvja la kont intbaghat fl-isptar Monte Carmeli, izda hu ghamilha li ma kienx jaf b'dan il-punt u qallhom li se jiccekja s-sentenza u fil-kaz jirreferini lill-Kumitat u fl-ahhar dehert quddiem il-Kumitat f'April '16 u dan approva li nohrog mill-isptar (skont ma qalli Cassar). Izda jghaddu x-xhur u xorta bqajt maqful u meta ccekjajt il-Ministeru qaluli li l-Ministru kien talab il-parir tal-avukat generali, li kif ghidt qabel ma japplikax la ma kienx kaz kriminali w issa suppost li kien jaf aktar minn qatt qabel ghax suppost iccekkja s-sentenza u fuq hekk kien irreferini lill-Kumitat (biex tara kemm kien intenzjonalment qed itawwalli l-process ghalxejn u qed jaghmnilha apposta). Gara li fl-istess zmien t'April '16 meta sa fl-ahhar dehert quddiem il-Kumitat wara sena nistenna ghalxejn, giet iccirkolata news feed fuq facebook mill-Maltatoday tassocjani ma Daphne u tghid li kont niktbilha fuq tali email. Biex il-Maltatoday kienu holmu bija sentejn wara li kien ghadda l-kaz fil-Qorti meta ma kienx ghadu ta' nteress ghall-pubbliku u ma hargu b'xejn gdid, nemmen li gara hekk: il-Ministru kien kellem lil Fredrick Azzopardi li kien xewxu biex izomni maqful jghidlu li sa fl-ahhar irreferini lill-Kumitat u dan ha hsieb johrog dik in-news feed fuq il-Maltatoday jassocjani mill-gdid ma Daphne biex jinkorla mill-gdid lill-Ministru kontrija kif fil-fatt gara billi njora issa l-parir tal-Kumitat li nista nohrog u baqa' jahlili l-hin jibghat ghal-parir tal-AG li jghaddi kemm jghaddi zmien donnu ma jasal qatt il-parir taghhom. F'Awissu '17 tnejn li jigu jzuru l-morda bhal nhar ta' Hadd u wiehed mill-Mosta separatament kellmu lill-Ministru fuq il-kaz tieghi u dan semmilhom lil Daphne fejn ikkonferma li l-parir tal-kummissarju tal-Pulizija u tal-AG kienet biss skuza biex jahlili l-hin diskriminatament, vendikattivament u ntenzjonalment ghax assocjawni ma din il-blogger. Fil-fatt f'Settembru '17 ghalkemm iccaqalqu l-affarijiet, il-Ministru flok approvali li nohrog ghal kollox mill-isptar bil-leave wara aktar minn 3 snin maqful (u meta dejjem gibt ruhi sew, kieku ghadt inkisser jew naghmel l-affarijiet tal-imgienen nghid forsi), fuq sentejn minnhom ghax intenzjonalment hlieli l-hin talab ghall-parir ta' nies li ma kienx japplikaw, approvali li nohrog mizerja ta' 5 sieghat darbtejn fil-gimgha u jigi rivedut jekk jizdidx jew jonqos wara 3 xhur, flok kif kien qallu Cassar meta originarjament kitiblu lejn Marzu '15 biex jirreferini lill-Kumitat, biex darba japprova l-Kumitat, johrogni fuq perjodu ta' cirka xahrejn dejjem izidli gurnata fil-gimgha sakemm johorogni ghal kollox bil-leave mill-isptar. F'Awissu '18 Cassar rega kiteb lill-Ministru biex ikun jista jibqa' jzidli l-leave sakemm johrogni ghal kollox mill-isptar (bil-kundizzjonijiet li semmejt qabel, li darba barra nibqa' nidher ghall-appuntamenti l-isptar kull tant zmien, eg kull 6 xhur, u niehu l-kura li jordnali) izda meta regghu ccekjawli dawk it-3 persuni din id-darba qallhom li talab il-parir tat-teknici. Kif ghidt qabel ghandi x-xhieda ta' dawn it-3 persuni li l-Ministru qed jiddiskriminani ghax assocjawni ma Daphne u kieku konna barra minn Malta suppost ilu li gie mgieghel jirrizenja. Kif ghidt il-Psikjatra Cassar mhux qed jitlob ghall-helsien totali tieghi (l-ewwel ghazla, dik li tinhtieg rapport minn 3 Psikjatri jigi pprezentat lill-Qorti) imma li johorogni ghal kollox mill-isptar u nkun bil-leave bhalma gara fl-ewwel kaz li kelli l-Qorti u f'diversi kazijiet ohra tal-Qorti bil-wisq aktar gravi minn tieghi. Dan nassumi li persentagg kbir mill-kazi fejn il-Qorti tibghat persuna l-isptar Monte Carmeli, il-Psikjatri jkunu attribwewlu li jbati minn mard kroniku li ma jfiq qatt minnhu w allura kieku dawn il-kazijiet jispiccaw kollha kundanna ghal-ghomru maqful l-isptar li Alla hares kien il-kaz – kieku l-isptar mimli kazijiet bhal dawn li altru mhux il-kaz, minflok hemm dan il-bord apposta li jisma lill-ispecjalista responsabbli tal-persuna u xi xhieda ohra fosthom lill-pazjent innifsu biex jara jekk il-persuna jistghax jinghata l-leave ghal kollox mill-isptar u jintegra ruhu lura fis-socjeta u fix-xoghol, ecc wara perjodu ta' zmien maqful l-isptar li fih ikun qed jigi monitorjat fuq l-imgieba tieghu. Dan il-Ministru qed vilment jibqa' jzomni maqful bl-iskuza li jrid il-parir ta' xi hadd (u li hu konxju li ma japplikax kif ghidt qabel) u sadattant sakemm fl-ahhar bil-kumdita taghhom dawn xi darba jirrispondu nibqa' ninzamm maqful minghajr data meta se nohrog li minnha 'n fiha hi ksur tad-drittijiet umani thalli persuna maqful fl-ghama b'dan il-modd , u bil-Ministru jibqa' jabbuza mill-poter jibqa' jibghat ghall-parir ta' kullhadd wiehed wara l-iehor biex diskriminatament jibqa' jzomni maqful u jissodisfa x-xewqa ta' dak Fredrick Azzopardi. Kieku l-Ministru kien qed jiehu l-pariri b'intenzjoni tajba kien ikun serju bizzejjed li jibghat jinfurmani lili jew lill-Psikjatra responsabbli minni b'minn kien ha l-parir u jaghti limitu ta' zmien sakemm il-parir ghandu jasal, mhux jinjorak ihallik fl-ghama tistenna apposta tant kemm vilment u ntenzjonalment qed jaghmilha apposta biex jahlili l-hin. Affarijiet li jigru f'pajjizi tat-tielet dinja suppost dawn, mhux f'pajjiz membru ghal diversi snin fl-Unjoni Ewropeja. Dan il-Ministru jrid jigi mgieghel jerfa' r-responsabilta tal-vendikazzjoni li qed jaghmel minni u talli qed izommni "sekwestrat" maqful go sptar. Dan tinsiex li hu fl-interess ta' Fredrick Azzopardi li nibqa' ninzamm maqful (ghax sakemm maqful l-isptar Monte Carmeli m'ghandekk dinjita u kredibilta ta' xejn) biex ma jigix jidher li fl-ewwel gimgha tieghu bhala Chief Executive tal-Enemalta f'Jannar '14 kien hatar zewg enginiera frodisti bhala managers u meta rrapurtajt l-abbuz li kienu nvoluti fih lill-Whistleblower qal li ghamel investigazzjoni meta fil-fatt manvestiga xejn, ghamel cover-up – jigifieri dan ghamel reat kriminali tripplu, heba serq li kien isir fl-Enemalta billi ma hax passi, gideb lill-whistleblower (li sa certu punt hu komplici mieghu ghax ma nvestigax lanqas hu) meta qallu li ghamel investigazzjoni li qatt ma saret, u bhala Chief Executive tal-Enemalta m'ghamilx skema bhalma gara fil-kaz tal-ismart meters biex jirkupra l-flus li nsertqu b'dan il-modd fuq medda ta' snin mill-Enemalta. Ukoll tigi li lili kien iddiskriminani fuq il-post tax-xoghol meta fuq email li hrigt mill-korporazzjoni kien tani transfer millum ghal-ghada fejn tellifli fuq terz tal-paga ghax qalghani mis-shift, waqt li lil dawk l-enginiera li abbuzaw mis-shift roster u hadu beneficcji bi frodi mhux intitolati ghalihom ma hax passi kontrihom.

Fejn semmejt l-Ombudsman, kont ktibtlu fl-20/3/17 jekk jistghax jiehu passi fuq il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Ministru talli kien intenzjonalment qed itawwalli l-process u kien infetah Kaz R0077 fejn jidher li wara li l-Ombudsman kiteb lill-Ministru jistaqsih 'l ghaliex ma kienx laqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat li approva li nohrog bil-leave mill-isptar, u jidher li l-Ministru njora lill-Ombudsman ma kitiblux lura, fl-ahhar il-kaz kien inghalaq lejn Jannar '17 meta

bdejt nohrog ftit sieghat fil-gimgha bil-leave u addio li kienu nkisruli d-drittijiet umani tieghi zammni fuq sentejn maqful ghalxejn ma hadu l-ebda passi kontra l-Ministru (tlabthom jinvestigaw il-file tieghi fil-Ministeru ha jaraw is-sekwenza ta kif sehhew l-affarijiet u kif intenzjonalment kien tawwalli z-zmien imma ghalxejn). Kont tlabthom ukoll jinvestigaw l-abbuzi li sofrejt mill-Pulizija, Kaz 0076, (fosthom frame-up akkuzawni b'mohqrija u qtil t'annimali meta kienu jafu li m'ghamilt xejn minn dan hekk li kelli 3 qtates pets id-dar meta arrestawni fl-ebda hin ma nvestigawhom jew gabu nies kompetenti biex jiccekjawhom, akkuzawni bi vjolazzjoni tal-oqbra meta kienu jafu li ma missejt l-ebda qabar dhalt biss fil-kennierja tal-knisja tal-Mosta bl-iskop ta' ricerka fuq il-fdalijiet tal-knisja li kien hemm fil-post qabel dik tallum kif ikkonfermat mid-diversi pjanti li lhaqt ghamilt tal-post li kienu kkonfiskawli l-Pulizija w ippublikajt artiklu fuq li sibt fl-2017, bi nstigar ta' mibgheda lejja, assassinju tal-karattru, immalafamawni, ivvilifikawni, u ppregudikawli l-kaz gejt ikkundannat mill-bidunett qabel misjub hati b'affarijiet li m'ghamiltx bil-media kollha spiccat tirreferi ghalija bhala cat killer, qattiel fost l-ohrajn meta ma qtilt lil hadd tort tal-akkuzi nfondati li ghamluli l-Pulizija, hallew kliem ta' mibgheda jinkiteb fuqi fuq il-mezzi socjali minghajr ma hadu passi, ecc.), fejn qatghuli barra mill-ewwel qaluli li l-Ombudsman hu prekluz milli jinvestiga l-Pulizija. Tlabthom almenu jitolbu biex issir investigazzjoni magisterjali fuq dak li allegajt imma ghalxejn. Kont tlabthom ukoll jinvestigaw lill-Psikjatra David Cassar, Kaz HR022, li gie assenjat lill-Kummissarju ghas-Sahha izda meta wara diversi xhur bqajt ma smajt xejn minn ghandu, ergajt ktibt direttament lill-Ombudsman li ssuggerili nikteb lill-Kunsill Mediku kif ghamilt f'Lulju '17. Dawn il-membri tal-Kunsill Mediku l-bicca l-kbira minnhom huma facebook friends ma dan il-Psikjatra jew mal-mara tieghu Doreen Cassar li wkoll hi membru tal-Kunsill u taf l-ohrajn huma hbieb tieghu wkoll u ghazlu li ma jaghmluhix daqshekk pubblika u allura b'dan il-kunflitt t'interess hekk ovvju stenna li se jhossuhom skomdi jiehdu passi kontrih kollega. Fill-fatt sallumm minkejja li baghttilhom diversi ittri kull darba nohrog xi haga gdida mill-ewwel kaz li kelli l-Qorti lura fl-2001 li kien il-bidu tal-abbuzi li ilni nsofri fosthom minn dan il-Psikjatra Cassar s'issa ghadni ma smajt xejn minghandhom hlief acknowledgement tal-ittri li baghattilhom. Minhabba f'hekk ergajt ktibt lill-Ombudsman fis-7/5/18, u nfetah Kaz Nru HS 0029, sfortunatament quddiem il-Kummissarju tas-Sahha li ma tantx jidher li ghandu hegga jiehu passi kontra Cassar jew fuq il-kunflitt t'interess hekk sfaccat tal-membri tal-Kunsill Mediku hekk li fl-9/8/18 baghat ghalija biex ikellimni w ohrog il-ghageb issuggerili biex ninsa l-passat, dan qisu kellek wiehed li meta kien tifel kien abbuzat mill-ghalliem u issa li fetah qalbu tghidlu insa kollox qisu qatt ma gara xejn (ghamel cover-up flok ha passi, reat kriminali, kullhadd jaf ifarfar mir-responsabilta) meta dak li sofrejt minn dan il-Psikjatra fl-ewwel kaz kien il-bidu ta' kollox, altru ma nistghax ninsieh u ghadni qed insofri l-konsegwenzi taghhom sal-gurnata tallum. Fil-qasir, dan Cassar biex jiskreditani u ma nkunx kredibli jekk nigi li nikxef l-abbuzi li kienu qed isehhu fuqi fl-ewwel kaz li kelli l-Qorti fosthom tal-Magistrat Carol Peralta li fis-seduta tal-4/2/02 kien heddidni "ara ma tirrispondinix ghax insabbtek mal-hajt" f'nofs awla tal-Qorti (mhux biss it-theddid bi vjolenza li hemm hazin, imma ghar minn hekk l-intenzjoni hazina warajha li geghlitu biex jghidli dan il-kliem) kienu qafluni l-isptar Monte Carmeli fit-12/6/02 hu u Peralta ghal 37 jum u f'salt wiehed Cassar attribwili li nbati minn ta' lanqas 4 mardid gravissimi u kronaci (schizophrenia, paranoid psychosis, alterazzjoni mentali u deluzjonijiet ta' persekuzzjonijiet) minghajr l-icken bazi xjentifika tghid originaw minn test tad-demm, tal-awrina, X-ray, CT scan ecc. (kien anka qal li ghandi dopamine nieqsa minn mohhi, kimika jew hi x'inhi li ma tistghax tigi mkejla xjentifikament biex ma jkunx jista' jinqabad li qed jigdeb) u mbaghad spiccajt qatt ma hadt il-kura li ordnali ghal dan il-mard gravissimu u minkejja dan mhux talli qatt ma mmanifesta ruhu dan il-mard fix-xoghol ta' responsabilta li kelli, talli qatt ma hadt gurnata sick leave mix-xoghol f'hajti fi 15-il sena u nofs kemm domt nahdem sat-tieni arrest tad-19/3/14 hlief meta kien qafilni dawk is-37 jum fl-2002. Dwar dan u aktar u l-intricci tal-ewwel kaz u kif kompla jibni fuqhom fit-tieni kaz ghamilt website shiha sostnuta bil-provi u fatti kif sehhew l-affarijiet u tinkludi wkoll dak li ghaddini minnu l-Ministru fost l-ohrajn. Biex naghlaq xtaqt insemmi wkoll li fl-ittra li ktibt lill-Ministru f'Lulju '14 nitolbu jirreferini lit-Tribunal, kif kelli c-cans f'inqas minn xahar mis-sentenza tal-Qorti kont hadt l-opportunita u semmejtlu bl-abbuzi li sofrejt mill-Pulizija li kien jaghmel il-kaz tieghi bil-wisq anqas gravi milli gie mpingi u tlabtu jinvestiga imma ma tarax, kontrija qajjem l-irwiefen kollha jrid jiehu l-parir ta' kulhadd biex itawwalli l-kaz kemm jiflah.

Nitolbok tiskuzani talli hadt daqshekk fit-tul biex spjegajt ruhi u nispera li ccarajtlek il-punti li saqsejtni dwarhom.

Tislijiet,

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])

Virus-free. www.avg.com

[Quoted text hidden]

---

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life** <charles.polidano@standardscommissioner.com>
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Mon, Feb 25, 2019 at 9:05 AM

Sur Grech,

Grazzi tar-risposta tiegħek, li se tiġi mgħoddija għall-attenzjoni tal-Kummissarju.

Charles Polidano

Direttur Ġenerali

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta

+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com